MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 44/2006/1

**Joseph Caruana, Vincent Zammit, Philip Agius, Joseph Grech, Elia Zammit, Nazzareno Spiteri, Joseph Cassar, George Borg, Alfred Fenech, Joseph Aquilina, John Fenech, Joseph Cordina, Riccardo Grima, Vincent Borg, Alfred Grech, Joseph Casha, Anthony Sammut, Francis Xerri, Andrew Bartolo, Emanuel Farrugia, Joseph Bonnici, Stephen Casha, Anthony Arapa, Nazzareno Vella, Emanuel Vella, Anthony Mallia, George Caruana, Joseph Borg, Anthony Spiteri, George Curmi, Anthony Dimech, John Bondin, George Ebejer, Frans Baldacchino, Carmelo Calleja, Zaren Magri, Emanuel Muscat, Joseph Gatt, Joseph Azzopardi, Joseph Aquilina, Anthony Borg, Zaren Borg, Frans Mamo, George Azzopardi, Carmelo Abela,**

**Frans Farrugia, Angelo Bellizzi, John Camilleri, Carmelo Grech, John Mallia, Alfred Busuttil, Salvu Buttigieg, Anthony Azzopardi, Carmelo Borg, Joseph Portelli, Joseph Buhagiar, Emanuel Felice, Michael Zammit, George Agius, Carmelo Magro, Carmelo Scicluna, Carmelo Cini, Gorg Formosa, George Camilleri, Anthony Camilleri, Joseph Camilleri, Laurence Fenech, Paul Debono, Pio Gauci, George Azzopardi, George Casha, Nazzareno Fava, A Gauci, Francis Baldacchino, Peter Borg, Joseph Mary Agius, Anthony Borg, Emanuel Micallef, Philip Gerada, Nazzareno Borg, Michael Galea, Carmel Magro, Emanuel Grima, Emanuel Vella, Matthew Calleja, Gerald Fava, George Azzopardi, Salvu Grech, Paul Briffa, Alfred Falzon, Guzeppi Attard, Anthony Muscat, Alfred Vella, Joseph Sammut, Carmelo Scerri, George Zammit, George Briffa, Grazio Galea, Saviour Borg, Carmelo Camilleri, Joseph Caruana, Francis Cutajar, Nazzareno Micallef, Joseph Mallia, Carmelo Mifsud, Salvu Mizzi, George Xuereb, Anthony Micallef, George Mifsud, Emanuel Caruana, Gaetano Fabri, Carmelo Dingli, Salvu Ebejer, Anthony Barbara, Nazzareno Caruana, George Casha, George Vella, Vincent Vella, George Debono, Michael Bezzina, Philip Bugeja, Philip Bugeja, Alexander Anthony Chircop, Alfred Caruana, Joseph Frendo, Carmelo Vassallo, Emanuel Zammit, Vincent Mifsud, Joseph Camilleri, Francesco Bugeja, Alfred Borg, Philip Gauci, Giljan Borg, Joseph Baldacchino, Salvu Abela, Michael Camilleri, Carmelo Debono, Salvu Agius, Emanuel Debono, Alfred Agius. Nazzareno Farrugia, Adolf Cachia, Carmelo Ellul, Alfred Mifsud, Vincent Camilleri, Carmelo Tabone, Mario Caruana, John Mary Borg, Francis Degiorgio, Anglu Saliba, Nazzareno Debono, Michael Cilia, John Cilia, Carmelo Camilleri, Carmelo Zammit, John M. Zammit, Emanuel Mifsud, Carmelo Borg, Amante Lia, Gerald Micallef, Manuel Spiteri, Alfred Micallef, Carmelo Zammit, Joseph M. Borg, Gory Farrugia, John Gauci, Ninu Grixti, Richard Nappa, Alfred Ciantar, Joseph Bonello, kif ukoll;**

**Anthony Sammut bhala eredi tad-defunt Carmelo Sammut, Rosina Cini bhala eredi tad-defunt Carmelo Cini, Joseph Cauchi bhala eredi tad-defunt Spiro Spiteri, Anthony Mallia bhala eredi tad-defunt Emanuel Mallia, Mario Mifsud bhala eredi tad-defunt Joseph Mifsud, Antonia Agius bhala eredi tad-defunt Joseph Caruana, Kenneth Busuttil bhala eredi tad-defunt Joseph Busuttil, Twanny Chircop bhala eredi tad-defunt Spiru Chircop, Charlie Borg bhala eredi tad-defunt John Borg, Maria Concetta Pace bhala eredi tad-defunt Amante Pace, Edmund Fava bhala eredi tad-defunt Anthony Fava, Rosaria Cumbo bhala eredi tad-defunt George Cumbo, Ivan Cassar bhala eredi tad-defunt Carmel Cassar, Euphemia Bartolo bhala eredi tad-defunt Anthony Bartolo, Doris Bartolo bhala eredi tad-defunt Carmelo Bartolo, Raymond Sammut bhala eredi tad-defunt Andrew Sammut, George Calleja bhala eredi tad-defunt Thomas Calleja, Polly Attard bhala eredi tad-defunt Joseph Attard, Joseph Abela bhala eredi tad-defunt Frans Abela, Joseph Cesare bhala eredi tad-defunt Emanuel Cesare, Manuel Mercieca bhala eredi tad-defunt Lawrence Mercieca, Guza Chetcuti bhala eredi tad-defunt Carmelo Fleri, Doris Vella bhala eredi tad-defunt Kurun Azzopardi, Lourdes Mifsud bhala eredi tad-defunt Ignatius Vella, Gorga Psaila bhala eredi tad-defunt Philip Psaila, Emanuela Attard bhala eredi tad-defunt Emanuel Attard, George Falzon bhala eredi tad-defunt Carmelo Falzon, George Spiteri bhala eredi tad-defunt George Spiteri, Carmen Bartolo bhala eredi tad-defunt Joseph Bartolo, Frans Baldacchino bhala eredi tad-defunt Louis Baldacchino, Costantina Portelli bhala eredi tad-defunt Anthony Portelli, Georgina Aquilina bhala eredi tad-defunt Anthony Agius, Carmelo Bigeni bhala eredi tad-defunt Vincenzo Bigeni, Carmelo Bigeni bhala eredi tad-defunt Alfred Bigeni, Tereza Farrugia bhala eredi tad-defunt Carmelo Borg, Zaren Borg bhala eredi tad-defunt Fantin Borg, Zaren Borg bhala eredi tad-defunt Joseph Borg, Carmena Borg bhala eredi tad-defunt Gorg Borg, Carmena Borg bhala eredi tad-defunt Gorg Casha, Maria Agius bhala eredi tad-defunt Emanuel Agius, Mary Bellizzi bhala eredi tad-defunt**

**Louis Bellizzi, Horace Spiteri bhala eredi tad-defunt George Spiteri, Carmen Milovanovic bhala eredi tad-defunt Lawrence Borg, Carmen Azzopardi bhala eredi tad-defunt George Azzopardi, Philip Seguna bhala eredi tad-defunt Joseph Seguna, Rita Spiteri bhala eredi tad-defunt Anthony Spiteri, Carmelo Zammit bhala eredi tad-defunt Carmelo Zammit, Carmena Ciantar bhala eredi tad-defunt Angelo Grech, Raymond Scicluna bhala eredi tad-defunt Emanuel Scicluna, Dolores Hili bhala eredi tad-defunt Saviour Hili, Carmen Mangion bhala eredi tad-defunt Emanuel Bartolo, Filippa Seguna bhala eredi tad-defunt Carmelo Seguna, Joyce Busuttil bhala eredi tad-defunt Michael Bonnici, Agnes Spiteri bhala eredi tad-defunt Joseph Spiteri, Rosina Abela bhala eredi tad-defunt George Abela, Rosina Abela bhala eredi tad-defunt Emanuel Cauchi, John Pace bhala eredi tad-defunt Francis Pace, Guditta Briffa bhala eredi tad-defunt Carmelo Briffa, Ninu Camilleri bhala eredi tad-defunt Carmelo Camilleri, Carmelo Falzon bhala eredi tad-defunt Nazzareno Falzon, Grace Camilleri bhala eredi tad-defunt Anthony Camilleri, Coronato Said bhala eredi tad-defunt Joseph Said, Crocifissa Dimech bhala eredi tad-defunt Angelo Farrugia, George Frendo bhala eredi tad-defunt Nazzareno Frendo, Carmela Attard bhala eredi tad-defunt Emanuel Attard, George Grima bhala eredi tad-defunt George Grima, Alfred Delmar bhala eredi tad-defunt Nazzareno Delmar, Virginia Portelli bhala eredi tad-defunt Carmelo Portelli, Carmela Galea bhala eredi tad-defunt Carmelo Galea, Doris Fenech bhala eredi tad-defunt Carmelo Fenech, John Vassallo bhala eredi tad-defunt Joseph Vassallo, Ersilia Frendo bhala eredi tad-defunt Salvu Frendo, Francesca Vella bhala eredi tad-defunt Clement Camilleri, Maria Said bhala eredi tad-defunt Carmelo Zerafa, Anthony Said bhala eredi tad-defunt Saviour Said, Mary Farrugia bhala eredi tad-defunt Agostino Agius, Francis Borg bhala eredi tad-defunt Mario Baldacchino, Girolama Attard bhala eredi tad-defunt Emanuel Saliba, Tessie Galea bhala eredi tad-defunt Anthony Galea, Giorgia Sammut bhala eredi tad-defunt Carmelo Sammut, Salvu Spiteri**

**bhala eredi tad-defunt Francesco Casha, Carmen Grima bhala eredi tad-defunt Gaetano Grima, Rose Desira bhala eredi tad-defunt Anthony Zammit, Giorgia Buttigieg bhala eredi tad-defunt Emanuel Zammit, Anthony Duca bhala eredi tad-defunt Paul Duca, Josephine Baldacchino bhala eredi tad-defunt Joseph Spiteri, Giorgia Magri bhala eredi tad-defunt Anthony Magri, Carmel Said bhala eredi tad-defunt George Said, Joseph Cefai bhala eredi tad-defunt George Cefai, Jason Azzopardi bhala eredi tad-defunt Anthony Azzopardi, Dolores Borg bhala eredi tad-defunt Anthony Borg, Giovanna Green bhala eredi tad-defunt Frans Gauci, Filomena Aquilina bhala eredi tad-defunt Paul Aquilina, Antoinette Newbold bhala eredi tad-defunt Philip Cilia, George Laus bhala eredi tad-defunt Joseph Micallef, George Spiteri bhala eredi tad-defunt Grezzju Spiteri, Salvina Borg bhala eredi tad-defunt Anthony Saliba, Francis Abela bhala eredi tad-defunt Geraldo Abela, Doris Saliba bhala eredi tad-defunt Emanuel Saliba, Joseph Azzopardi bhala eredi tad-defunt Joseph Azzopardi, Antoine Mizzi bhala eredi tad-defunt Carmel Mizzi, Theresa Zammit bhala eredi tad-defunt Joseph Zammit, Giorgina Azzopardi bhala eredi tad-defunt Alfred Azzopardi, M'Concetta Micallef bhala eredi tad-defunt John Micallef, Carmen Cini bhala eredi tad-defunt Joseph Arapa, Rosaria Farrugia bhala eredi tad-defunt Pawlu Farrugia, Gaetano Busuttil bhala eredi tad-defunt Paul Frendo, Carmelo Micallef bhala eredi tad-defunt Carmelo Micallef, Carmel Psaila bhala eredi tad-defunt Giovanni Andrea Psaila, John Camilleri bhala eredi tad-defunt Vincent Camilleri, Mary Zammit bhala eredi tad-defunt Lorenzo Grech, Sylvia Azzopardi bhala eredi tad-defunt Alfred Azzopardi, Maria Dolores Galea bhala eredi tad-defunt Joseph Debono, Joseph Sammut bhala eredi tad-defunt George Sammut, Joseph Camilleri bhala eredi tad-defunt Joseph Camilleri, Josephine Grima bhala eredi tad-defunt Zaren Grima, Mary Mula bhala eredi tad-defunt Joseph Magri, Mary Mula bhala eredi tad-defunt John Magri, Sandra Vella bhala eredi tad-defunt George Casha, John Azzopardi bhala eredi tad-defunt**

**Emanuel Zammit, Margareth Portelli bhala eredi tad-defunt Coronato Portelli, Carmen Ghio bhala eredi tad-defunt Paul Spiteri, John Cassar bhala eredi tad-defunt Francis Cassar, Leonilda Dalli bhala eredi tad-defunt George Sciberras, Pawlu Agius bhala eredi tad-defunt Vincent Agius, Marietta Camilleri bhala eredi tad-defunt Nazzareno Camilleri, Victoria Mifsud bhala eredi tad-defunt Anthony Mifsud, Doris Agius bhala eredi tad-defunt Censu Agius, Joseph Spiteri bhala eredi tad-defunt Emanuel Spiteri, Doreen Rayner bhala eredi tad-defunt Joseph Zammit, Maria Assunta Caruana bhala eredi tad-defunt Vincenzo Borg, Carmel Coleiro bħala eredi tad-defunt Felix Coleiro, Carmen Mangion bhala eredi tad-defunt Emanuel Mifsud, Carmen Fenech bhala eredi tad-defunt Lorenzo Tabone, Filippa Seguna bhala eredi tad-defunt Mabli Micallef, Carmelo Said bhala eredi tad-defunt Grezio Said, Mary Rose Agius bhala eredi tad-defunt Carmelo Agius, George Cuschieri bhala eredi tad-defunt Joseph Conti, George Cuschieri bhala eredi tad-defunt Spiru Conti, Nazzarena Sant bhala eredi tad-defunt Carmelo Sant, Christopher Gauci bhala eredi tad-defunt Joseph Gauci, France Azzopardi bhala eredi tad-defunt Anthony Azzopardi, Theodora Borg bhala eredi tad-defunt Carmelo Galea, Antonia Casha bhala eredi tad-defunt Carmelo Galea, Maria Degiorgio bhala eredi tad-defunt Emanuel Mifsud, Mario Duca bhala eredi tad-defunt Carmelo Borg, Joseph Zammit bhala eredi tad-defunt Joseph Zammit, Mary Pace bhala eredi tad-defunt Joseph Galea, Francis Mifsud bhala eredi tad-defunt Joseph Mifsud, Marianna Bonnano bhala eredi tad-defunt Joseph Bonnano, Carmel Casha bhala eredi tad-defunt John Mary Casha, Carmen Zammit bhala eredi tad-defunt Anthony Zammit, Dr. Ray Fenech bhala eredi tad-defunt Francis Xavier Fenech, Guza Portelli bhala eredi tad-defunt Victor Portelli, Concetta Cutajar bhala eredi tad-defunt Joseph Cutajar, Joseph Zammit bhala eredi tad-defunt Anthony Zammit, Guzeppa Purkiss bhala eredi tad-defunt Gerald Purkiss, Maria Rosaria Fenech bhaia eredi tad-defunt Joseph Fenech, Maria Carmela Grech bhala eredi tad-defunt**

**Carmelo Vella, Rita Borg bhala eredi tad-defunt Carmel Micallef, Antonia Grech bhala eredi tad-defunt Joseph Grech, John Agius bhala eredi tad-defunt Paul Agius, Josephine Borg bhala eredi tad-defunt George Borg, Carmen Vella bhala eredi tad-defunt Joseph Vella, Emanuel Spiteri bhala eredi tad-defunt Alfred Spiteri, Emanuel Spiteri bhala eredi tad-defunt Spiru Spiteri, Francis Darmanin bhala eredi tad-defunt John B Darmanin, Francis Darmanin bhala eredi tad-defunt Salvu Zerafa, Emmanuel Grixti bhala eredi tad-defunt Joseph Grixti, Emanuel Barbara bhala eredi tad-defunt Anthony Barbara, Victoria Felice bhala eredi tad-defunt John Felice, Sebastian Cilia bhala eredi tad-defunt Emanuel Abela, Eugenio Apap bhala eredi tad-defunt John Apap, Giorga Azzopardi bhala eredi tad-defunt John Azzopardi, Maria Farrugia bhala eredi tad-defunt Michael Farrugia, Karmena Borg bhala eredi tad-defunt Philip Borg, Charles Grech bhala eredi tad-defunt Paul Baldacchino, Gemma Zammit bhala eredi tad-defunt Guzeppi Zammit, Charles Grech bhala eredi tad-defunt Gerald Baldacchino, Charles Grech bhala eredi tad-defunt George Baldacchino, Charles Grech bhala eredi tad-defunt Emanuel Baldacchino, Charles Grech bhala eredi tad-defunt John M Baldacchino, Charles Grech bhala eredi tad-defunt Joseph Baldacchino, Carmen Chircop bhala eredi tad-defunt Emanuel Chircop, Mary Micallef bhala eredi tad-defunt Geo Micallef, Alfred Mallia bhala eredi tad-defunt Anthony Mallia, Carmelo Zammit bhala eredi tad-defunt Vincent Zammit, John Azzopardi bhala eredi tad-defunt Frans Azzopardi, Frances Azzopardi bhala eredi tad-defunt Carmelo Camilleri, Angela Briffa bhala eredi tad-defunt John Bartolo, Giorgina Briffa bhala eredi tad-defunt Michael Briffa, Grazio Galea bhala eredi tad-defunt Anthony Galea, Carmen Camilleri bhala eredi tad-defunt Joseph Camilleri, Emanuel Zammit bhala eredi tad-defunt Peter Frendo, Josephine Chetcuti bhala eredi tad-defunt Anthony Camilleri, Carmen Scerri bhala eredi tad-defunt Charles Scerri, Carmelo Magri bhala eredi tad-defunt John Magri, George Seguna bhala eredi tad-defunt Gerald Seguna, George Azzopardi bhala eredi tad-**

**defunt Frans Azzopardi, Albert Cassar bhala eredi tad-defunt Joseph Cassar, Mario Bondin bhala eredi tad-defunt Joseph Bondin, Raymond Sammut bhala eredi tad-defunt Anthony Sammut, M. Assunta Abela bhala eredi tad-defunt Joseph Abela, Georgina Cassar bhala eredi tad-defunt George Cassar, Carmela Catania bhala eredi tad-defunt George Catania, Albert Cassar bhala eredi tad-defunt Carmelo Cassar, Frances Zammit bhala eredi tad-defunt John Zammit, Josephine Mercieca bhala eredi tad-defunt Frans Camilleri, Maria Rosa Borg bhala eredi tad-defunt Joseph Borg, Anthony Micallef bhala eredi tad-defunt John Micallef, Carmel Muscat bhala eredi tad-defunt Joseph Muscat, Charles Falzon bhala eredi tad-defunt Nazzareno Falzon, Paola Lia bhala eredi tad-defunt Paul Lia, Carmel Spiteri bhala eredi tad-defunt George Spiteri, George Cardona bhala eredi tad-defunt Joseph Cardona, Mary Mifsud bhala eredi tad-defunt Joseph Mifsud, Lorenzo Pace bhala eredi tad-defunt Spiridione Pace, Maria Sultana bhala eredi tad-defunt Michael Sultana, Doris Mifsud bhala eredi tad-defunt Paul Sammut, Giovanna Darmanin bhala eredi tad-defunt Raphael Darmanin, Vitorina Hili bhala eredi tad-defunt Gerald Hili, Saviour Borg bhala eredi tad-defunt Gilardu Borg, Polly Azzopardi bhala eredi tad-defunt Carmelo Grech, Doris Calleja bhala eredi tad-defunt Spiru Ciappara, Guza Cassar bhala eredi tad-defunt George Borg, Emanuela Attard bhala eredi tad-defunt Carmenu Mifsud, Helen Agius bhala eredi tad-defunt Michael Agius, Emanuela Bezzina bhala eredi tad-defunt Philip Bezzina, Ludgarda Zammit bhala eredi tad-defunt John Mary Zammit, Rose Cardona bhala eredi tad-defunt Lawrence Fabri, Calcedon Azzopardi bhala eredi tad-defunt George Azzopardi, Ruth Stellini bhala eredi tad-defunt Angelo Caruana, Anthony Camilleri k/a Briffa bhala eredi tad-defunt Paul Camilleri, Francis Felice bhala eredi tad-defunt John Mary Felice, Emanuel Barbara bhala eredi tad-defunt Loreto Borg, Lorenza Briffa bhala eredi tad-defunt Emanuel Vella, Catherine Aquilina bhala eredi tad-defunt George Aquilina, Nazzareno Caruana bhala eredi tad-defunt Rosario Caruana, Maria Dolores**

**Agius bhala eredi tad-defunt Francis Agius, Marta Caruana bhala eredi tad-defunt Jos. Caruana, Tania Mifsud bhala eredi tad-defunt Carmel Portelli, Paul Azzopardi bhala eredi tad-defunt Anthony Caruana, Salvina Cassar bhala eredi tad-defunt Carmelo Mifsud, Salvina Cassar bhala eredi tad-defunt John M Mifsud, Gerald Fava bhala eredi tad-defunt Peter Paul Fava, George Cilia bhala eredi tad-defunt Joseph Cilia, Carmena Mifsud bhala eredi tad-defunt Carmelo Pace, Joseph Abela bhala eredi tad-defunt Frenc Abela, M'Carmen Spiteri bhala eredi tad-defunt Emanuel Spiteri, Agatha Debono bhala eredi tad-defunt Salvu Debono, Carmen Grima  bhala eredi tad-defunt Anthony Muscat, Maria Chircop bhala eredi tad-defunt Joseph Chircop, Victor Spiteri bhala eredi tad-defunt Joseph Spiteri, Censina Spiteri bhala eredi tad-defunt Lawrence Buttigieg, Grace Vassallo bhala eredi tad-defunt John Vassallo, Giorgina Sammut  bhala eredi tad-defunt Nazzareno Sammut, Carmena Borg bhala eredi tad-defunt Anthony Casha, Anthony Spiteri bhala eredi tad-defunt Emanuel Spiteri, Rosaria Taliana bhala eredi tad-defunt Nicholas Taliana, Maria Bezzina bhala eredi tad-defunt Carmelo Bezzina, Francis Cuschieri bhala eredi tad-defunt Joseph Conti, Giorgina Falzon  bhala eredi tad-defunt Carmelo Falzon, Mario Caruana bhala eredi tad-defunt Emanuel Mifsud, Guza Ciappara bhala eredi tad-defunt Franco Ciappara, Alfred Caruana bhala eredi tad-defunt Paul Caruana, Antonia Agius bhala eredi tad-defunt Salvu Agius, Carmel Abela bhala eredi tad-defunt Pacifico Abela, Giovanna Aquilina bhala eredi tad-defunt Carmel Aquilina, Stella Vella bhala eredi tad-defunt Anthony Spiteri, Mary Caruana bhala eredi tad-defunt Marcel Caruana, Joseph Vella bhala eredi tad-defunt Ganni Vella, Zaren Borg bhala eredi tad-defunt Carmelo Borg, Raymond Portelli bhala eredi tad-defunt Fortunato Portelli, Bastjana Fava bhala eredi tad-defunt John M Fava, Angela Arapa bhala eredi tad-defunt George Arapa, Mary Apap bhala eredi tad-defunt John Apap, Maria Lia bhala eredi tad-defunt Joseph Sciberras, Leli Agius bhala eredi tad-defunt Francis Agius, Frans Caruana bhala eredi tad-defunt Francis**

**Caruana, Martha Mifsud bhala mandatrici specjali ta' Victoria Mangion assenti bhala eredi tad-defunt George Scicluna, Mary Tabone bhala eredi tad-defunt Francis Tabone, Angelina Grech bhala eredi tad-defunt Mose Grech, Anthony Spiteri bhala eredi tad-defunt George Spiteri, John Calafato bhala eredi tad-defunt Carmel Calafato, Francesca Saveria Valletta bhala eredi tad-defunt Anthony Valletta, Anna Grech bhala eredi tad-defunt George Zammit, Caterina Zammit bhala eredi tad-defunt Michael Zammit, Giovanna Grech bhala eredi tad-defunt John Grech, Victor Dingli bhala eredi tad-defunt Frans Dingli, Rita Agius bhala eredi tad-defunt Guzeppi Pace, Carmen Tabone bhala eredi tad-defunt Piju Tabone, Maria Bezzina bhala eredi tad-defunt Carmelo Bezzina, Emanuela Abela bhala eredi tad-defunt Carmelo Abela, Giovanna Vella bhala eredi tad-defunt Emanuel Vella, Vincent Camilleri bhala eredi tad-defunt Felic Camilleri, Malcolm Zerafa bhala eredi tad-defunt Alfred Zerafa, Ludgarda Borg bhala eredi tad-defunt George Borg, Saviour Vella bhala eredi tad-defunt Salvatore Vella, Martha Caruana bhala eredi tad-defunt Gamri Mangion, Carmel Darmanin bhala eredi tad-defunt Michael Darmanin, Guza Felice bhala eredi tad-defunt Emanuel Felice, Pawla Borg bhala eredi tad-defunt Carmelo Borg, Carmen Farrugia bhala eredi tad-defunt Joseph Farrugia, Catherine Fenech bhala eredi tad-defunt Francis Azzopardi, Frankie Portelli bhala eredi tad-defunt John Portelli, Doris Calleja bhala eredi tad-defunt Salvu Muscat, Victoria Fenech bhala eredi tad-defunt Karmnu Fenech, Concetta Debono bhala eredi tad-defunt Carmelo Debono, Lawrence Micallef bhala eredi tad-defunt Emanuel Micallef , Giorgina Falzon bhala eredi tad-defunt Carmelo Falzon, Carmelo Zammit bhala eredi tad-defunt Massimo Frendo, Rosaria Taliana bhala eredi tad-defunt Carmelo Taliana, Dolores Fenech bhala eredi tad-defunt George Fenech, Emanuela Vella bhala eredi tad-defunt Joseph Ellul, Mary Rose Magri bhala eredi tad-defunt Joseph Chircop, Victor Dingli bhala eredi tad-defunt John M. Spiteri, Maria Muscat bhala eredi tad-defunt Paul Muscat, Salvina Attard**

**bhala eredi tad-defunt Angelo Portelli, Salvina Cutajar bhala eredi tad-defunt Joseph Cutajar, Maria Said bhala eredi tad-defunt Michael Said, Emanuela Said bhala eredi tad-defunt Peter Paul Said, Josephine Bonnici bhala eredi tad-defunt Nazzareno Bonnici, Ġuzeppa Baldacchino bhala eredi tad-defunt Angelo Baldacchino, Carmelo Ellul bhala eredi tad-defunt Vincent Ellul, Joseph Ellul bhala eredi tad-defunt Carmenu Ellul, Maria Coleiro bhala eredi tad-defunt Frenc Borg, Carmen Azzopardi bhala eredi tad-defunt Salvatore Azzopardi, Guza Borg bhala eredi tad-defunt Rosario Bugeja, Joseph Catania bħala eredi tad-defunt Peter Catania, Mario Grixti bhala eredi tad-defunt Saviour Grixti, Cecilia Vella bhala eredi tad-defunt Joseph Vella, Gorg Mangion bhala eredi tad-defunt Anthony Mangion, Angelina Grech bhala eredi tad-defunt Moses Grech, Josephine Caruana bhala eredi tad-defunt Carmelo Camilleri, Joseph Muscat bħala eredi tad-defunt Joseph Muscat, Alfred Ciantar bħala eredi tad-defunt Emanuel Ciantar, Maria Dolores Scerri bħala eredi tad-defunt George Saliba, Carmen Chircop bħala eredi tad-defunt George Azzopardi**

**v.**

**Il-Prim Ministru, il-Ministru ghall-Kompetittivita` u l-Komunikazzjoni, u l-Awtorita` Marittima ta' Malta**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

**1.** Dan hu appell interpost mir-rikorrenti wara decizjoni moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (fil-kompetenza "Kostituzzjonali" u "Konvenzjonali" taghha) fl-14 ta' Mejju, 2007. Permezz ta' din id-decizjoni dik il-Qorti ddeklinat milli tezercita s-setghat taghha taht l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 peress li kienet sodisfatta li r-rikorrenti kellhom mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur minnhom allegat – effettivament dik il-Qorti ghamlet uzu mill-*proviso* ghas-subartikolu (2) ta' l-imsemmi Artikolu 4.

**2.** Fir-rikors promotorju taghhom, ir-rikorrenti, li jiddeskrivu ruhhom bhala “ex-haddiema tax-Xatt kif ukoll werrieta ta’ ex-haddiema tax-Xatt li kienu irtiraw mix-xoghol fil-periodu bejn l-1973 u s-sena 2003”, wara li fissru li kien hemm snin – fosthom l-1990 u  l-1997 – li fihom “is-sotto Kumitat li jmexxi l-interessi tal-haddiema tax-Xatt kien talab lill-Gvern sabiex jitqassam gratuity” mill-Fond ta’ Pensjoni u tal-Kontingenzi fejn tali “gratuity” kienet tqassmet anke lil dawk li kienu ilhom li irtiraw u anke lil dawk li kienu mietu (fis-sens li l-flus inghataw lill-werrieta taghhom), komplew hekk:

“Illi fis-sena 2003 il-Gvern iddecieda li jqassam gratuity ta’ Lm500 kull sena b’lura limitatament ghall-beneficcju tal-haddiema tax-Xatt li rtiraw fl-1 ta’ Marzu 2003, u li kienu qeghdin jahdmu qabel dik is-sena izda l-beneficcju ma nghatax lil dawk il-haddiema tax-Xatt li kienu rtiraw qabel l-1 ta’ Marzu 2003. Ghaldaqstant il-gratuity ta’ Lm500 fis-sena ma nghatatx b’effett retroattiv lill-haddiema tax-Xatt li kienu irtiraw qabel dik id-data u lill-werrieta ta’ dawk il-haddiema tax-Xatt li kienu diga` mietu kif kien isir qabel. Apparti dan mill-1 ta’ Marzu 2003 tnehha l-capping ta’ Lm8,000 u kull min beda jirtira mill-1 ta’ Marzu 2003 seta’ jibbenefika minn gratuity minghajr limitu.

“Illi din is-sitwazzjoni holqot ingustizzja u diskriminazzjoni billi l-haddiema tax-Xatt li l-aktar li kienu kkontribwew flus fil-Pension and Contingency Fund spiccaw hadu inqas mill-gratuity minn dawk il-haddiema li kkontribwew inqas. Fil-fatt dawk li kkontribwew fil-fond ghal bosta snin b’zewg licenzji hadu inqas u gew imcahhda mill-istess gratuity li nghataw haddiema tax-Xatt b’licenzja wahda biss. Dawn il-gratuities jikkostitwixxu l-possedimenti tar-rikorrenti kollha stante illi l-fond ikkreawh huma stess bil-kontribuzzjonijiet illi ghamlu matul is-snin.

“Illi kumitat rappresentattiv tal-protestanti *(sic!)* ghal xhur shah ressqu l-ilment taghhom ma' l-awtoritajiet koncernati inkluzi l-intimati izda ghalkemm l-intimati kienu rrikonoxxew li saret diskriminazzjoni l-protestanti baqghu ma gewx ikkumpensati u gew avzati b’dan permezz ta’

ittra tat-18 ta' Jannar 2006 mahruga mill-ufficcju tal-Prim Ministru.

"Illi l-protestanti jridu jissalvagwardjaw l-interessi patrimonjali taghhom stante li qed jigu mcahhda mit-tgawdija tal-possedimenti taghhom bi ksur tal-Artkolu 1 ta' l-ewwel protokoll tal-Kap. 319 (Konvenzjoni Ewropea) kif ukoll qed jigu diskriminati bi ksur tal-Artikolu 14 tal-istess Kap. 319.

"Ghaldaqstant ir-rikorrenti qed jitolbu rimedju in vista ta' din id-diskriminazzjoni u c-cahda tat-tgawdija tal-possedmenti taghhom kif fuq inghad."

**3.** Dawn u dawn biss huma l-premessi u t-talba tar-rikorrenti. Jigi nnutat li, kuntrarjament ghal dak li jirrikjedi r-regolament 3(2) tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati[1], ir-rikorrenti ma specifikaw ebda rimedju li kienu qeghdin jitolbu – hallew kollox bl-aktar mod vag.

**4.** Ghal dan ir-rikors, kemm l-intimata Awtorita` Marittima ta' Malta kif ukoll l-intimati Prim Ministru u l-Ministru ghal-Kompetittivita` u l-Komunikazzjoni wiegbu, fost affarijiet ohra, li r-rikorrenti kellhom rimedji ordinarji ohra li huma ma kienux ghamlu uzu minnhom. Effettivament fl-udjenza tas-17 ta' Ottubru 2006 (ara fol. 34) il-Prim Awla dderigiet lill-partijiet li ghall-mument kellha tigi trattata din l-eccezzjoni, kif fil-fatt gara. Fl-udjenza tas-7 ta' Frar 2007 gie prodott mir-rikorrenti bhala xhud Angelo Mallia u l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-imsemmija pregudizzjali.

## Is-sentenza appellata

**5.** Il-Prim Awla tal-Qorti Civili laqghet, kif inghad, din il-pregudizzjali, u dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi din hija azzjoni dwar ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali minħabba ċaħda ta' tgawdija ta' possediment u minħabba diskriminazzjoni. Ir-rikorrenti

[1] A.L. 35/1993

jgħidu li deċiżjoni meħuda mill-Gvern fl-2003 li biha bidlet il-kriterji li taħthom titqassam "*gratuity*" mill-fondi tal-PCF kienet tfisser indħil fit-tgawdija ta' ħwejjiġhom, minbarra li l-imsemmi bdil kien joħloq trattament differenti u diskriminatorju kontrihom meta mqabbel mat-trattament mogħti lil ħaddiema oħrajn tax-Xatt li, bħalhom, kienu rtiraw mix-xogħol, imma fi żmien differenti;

"Illi, fost l-oħrajn, l-intimati qegħdin jgħidu li r-rikorrenti ma messhomx ressqu din il-kawża qabel ma jkunu fittxew rimedji oħrajn "ordinarji" għall-ilmenti tagħhom. Huma jgħidu li r-rikorrenti kellhom rimedji oħrajn u ma ħaduhomx, u għalhekk ma jixraqx li issa jiftħu kawża "kostituzzjonali". Fil-każ tal-lum, l-intimati jsemmu l-azzjoni dwar stħarriġ ta' għamil amministrattiv[2], u l-azzjoni rivendikatorja bħala r-"rimedji ordinarji" li jqisu li r-rikorrenti kellhom jew għad għandhom disponibbli għalihom[3];

"Illi l-Qorti qegħda tistħarreġ din l-eċċezzjoni, għaliex, fiha hemm stedina biex din il-Qorti tagħżel li ma twettaqx is-setgħat kostituzzjonali tagħha skond ma jitlob l-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-liġijiet ta' Malta. Irid jingħad li r-rikorrenti qegħdin jallegaw ksur ta' jeddijiethom taħt il-Konvenzjoni u mhux taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta;

"Illi, bħala <u>fatti li joħorġu mil-atti tal-kawża</u> u li huma rilevanti għall-istħarriġ ta' din l-eċċezzjoni, jirriżulta li r-rikorrenti kollha huma jew impjegati tax-Xatt li llum irtiraw mix-xogħol, jew inkella qraba jew werrieta ta' ħaddiema li kienu hekk irtiraw qabel mietu. M'huwiex kontestat li kollha kemm huma kienu, fi żmien jew ieħor, jibbenefikaw mill-Fond tal-Pensjoni u tal-Kontinġenzi (kif inhu uffiċjalment magħruf il-PCF) imwaqqaf bis-saħħa ta'Avviż Legali li daħal fis-seħħ fl-4 ta' April tal-1973[4]. Dan l-imsemmi Avviż Legali nħareġ bis-saħħa tal-artikoli 15A u 16 (illum rinumerati bħala l-artikoli 16 u 17) tal-Ordinanza tal-1962 dwar il-Ħaddiema tal-Port[5]. Fl-1993, l-Avviż Legali msemmi kien supplementat bl-Avviż Legali 90[6] ta'

[2] Art. 469A tal-Kap 12
[3] Ara Par 3.5 u 3.6 tar-Risposta tal-intimata MMA, f'paġ. 20 tal-proċess. B'mod anqas dirett, l-intimati l-oħrajn jirreferu għall-istess rimedji, ara par 2 tar-Risposta tagħhom, f'paġ. 28 tal-proċess
[4] Dok "A", f'paġġ. 38 sa 40 tal-proċess
[5] Ord. XIV tal-1962 (Kap 171 tal-Liġijiet ta' Malta)
[6] L.S. 171.02

dik is-sena. Jirriżulta[7] li fl-1990 u l-1997, il-PCF għamlet żewġ ħlasijiet "*ex gratia*" mill-flejjes miżmuma fil-fondi tagħha lill-ħaddiema u/jew werrieta li kienu rtiraw. Fl-1998 il-Fond kien daħħal sistema ġdida li bih, fost l-oħrajn, iffissa l-ogħla somma aggragata li ħaddiem (jew werrieta tiegħu jistgħu jkunu eliġibbli għaliha) jista' jingħata taħt l-iskema fl-ammont ta' tmint elef lira Maltija (Lm 8,000). Fl-2003, il-kumitat qatagħha, "wara deliberazzjonijiet appożiti", li jerġa' jibdel l-iskema billi, minflok ħalliet il-PCF kif kien qabel, bidlitu fi skema ta' investiment għall-ħaddiema. B'dan l-iskema, il-fondi dwar kull ħaddiem kienu investiti ma' assikuratur bil-ħsieb li, meta l-ħaddiem jirtira, jkollu (jew il-werrieta tiegħu, skond il-każ) pensjoni jew dħul ieħor xieraq. Dan l-iskema kien jgħodd għal dawk il-ħaddiema tax-Xatt li jkunu għadhom jaħdmu wara l-1 ta' Marzu, 2003, imma mhux għal dawk li rtiraw qabel. F'xi żmien (li ma ġie speċifikat mill-ebda parti fil-kawża) matul l-2003, u bi tħaddim tal-aħħar skema mfassal, reġa' sar tqassim ieħor ta' "*gratuity*" mill-assi tal-PCF, iżda r-rikorrenti tħallew barra minnu. Ir-rikorrenti rċevew ittra fit-18 ta' Jannar, 2006, li warrbet il-protesti li kien ilhom jagħmlu dwar l-ilment tagħhom. Il-kawża nfetħet f'Awissu tal-2006. B'dikjarazzjoni komuni li saret mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tas-7 ta' Frar, 2007[8], jirriżulta wkoll li r-rikorrenti ma kienu ressqu l-ebda kawża oħra quddiem il-Qrati dwar dan l-ilment tagħhom qabel ma fetħu din il-kawża[9];

"Illi **dwar l-eċċezzjoni li din il-Qorti jmissha tagħżel li ma teżerċitax is-setgħat tagħha kostituzzjonali**, l-intimati jgħidu li qegħdin jistiednu lill-Qorti li tagħmel hekk għaliex ir-rikorrenti naqsu li jmexxu 'l quddiem kawża quddiem il-Qrati biex jieħdu rimedju dwar l-ilmenti tagħhom. Iżidu jgħidu li r-rimedju "ordinarju" kien disponibbli għar-rikorrenti u li tali rimedju kien (jew għadu) jikkonsisti f'għażla ta' aktar minn għamla ta' proċedura waħda;

[7] Xhieda ta' Anġelo Mallia 7.2.2007, f'paġġ. 42-5 tal-proċess
[8] Paġ. 41 tal-proċess
[9] Għalkemm hemm ħjiel li seta' tressaq Protest Ġudizzjarju mir-rikorrenti, jekk wieħed jara li r-Rikors tagħhom jirreferi għalihom bħala "protestanti"

"Illi l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala **stat ta' fatt attwali u obbjettiv**, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel" minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali **stat ta' fatt.** Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħat tagħha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha[10]. F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti xorta waħda jibqagħlha s-setgħa li tiddeċiedi li ma ċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;

"Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad b'għaqal f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfitxxu rimedji oħrajn effettivi, u biex, min-naħa l-oħra, persuna ma tiġix imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta[11];

"Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser

---

[10] Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.179**)
[11] Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et***

jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[12]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[13];

"Illi, madankollu, l-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fiż-żmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiż-żmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali[14]. M'huwiex mogħti lil persuna l-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbagħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wieħed jista' jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel[15];

"Illi f'għadd ta' sentenzi mogħtijin f'dawn l-aħħar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, ġew stabiliti prinċipji li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li r-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju alternativ effettiv. Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li jeżistu meżżi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali meżżi qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-meżżi jew wara li jidher li dawk il-meżżi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta' illegalita', inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (ċ) m'hemm l-ebda kriterju stabilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni,

---

[12] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)

[13] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)

[14] Kost.**9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et***

[15] Ara Kost. **25.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.201**)

billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta' teħid ta' meżżi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija meżżi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minħabba l-imġiba ta' ħaddieħor m'għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent[16]; (f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla ma tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lil Qorti tat-tieni grad is-setgħa li titwarrab dik id-diskrezzjoni[17]; u (ġ) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se' jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwestjoni kostituzzjonali[18];

"Illi d-diskrezzjoni li l-Qorti tagħżel li tieħu jekk twettaqx jew le s-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' kawża għandha tiġi eżerċitata bi prudenza, b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, l-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setgħat[19]. Irid dejjem jitqies li din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja u toħloq bilanċ biex, mill-banda l-waħda, twaqqaf lil min jipprova jabbuża mill-proċess kostituzzjonali, u mil-banda l-oħra żżomm milli jiġi maħluq xkiel bla bżonn lil min ġenwinament ifittex rimedju kostituzzjonali[20];

---

[16] P.A. (Kost.) VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Bonavia vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et***
[17] Ara Kost. **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Bannister et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.48**) u Kost. **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Visual & Sound Communications Ltd. vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***
[18] P.A. Kost **29.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)
[19] Kost. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Daidv Axiaq vs Awtorit`' Dwar it-Trasport Pubbliku***
[20] Kost. **31.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mediterranean Film Studios Limited vs Korporazzjoni għall-Iżvilupp ta' Malta et***

"Illi fil-każ tal-lum, l-intimati jindikaw li r-rikorrenti jistgħu (u messhom) iressqu l-ilment tagħhom quddiem il-Qorti fis-sura ta' azzjoni għal stħarriġ dwar għamil amministrattiv jew ukoll fis-sura ta' azzjoni rivendikatorja. Min-naħa tagħhom, ir-rikorrenti jisħqu li l-azzjoni tagħhom tal-lum kienet it-triq waħdanija li kellhom biex jirribattu l-ħsara li ġarrbu bit-twettiq tal-iskema l-ġdid tal-PCF;

"Illi l-Qorti, bla ma ttawwal wisq fuq il-kwestjoni, qegħda tqis li fejn ir-rimedju "ordinarju" li jissemma jkun azzjoni għal stħarriġ dwar għamil amministrattiv, wieħed irid joqgħod b'seba' għajnejn qabel jaċċettah bħala alternativa għar-rimedju "kostituzzjonali" jew "konvenzjonali", u dan għaliex huwa meqjus li r-rimedji li jistgħu jingħataw taħt l-artikolu 469A huma x'aktarx limitati. Il-kejl determinanti dwar l-aċċettabilita` ta' rimedju bħal dak jibqa' dejjem dak ta' kemm huwa effettiv ir-rimedju li jista' jingħata. Għalhekk, kien hemm każijiet fejn ir-rimedju amministrattiv tqies bħala wieħed li jindirizza sewwa l-ilment imressaq mir-rikorrent (ukoll fejn l-allegazzjoni kienet ta' ksur ta' jedd "konvenzjonali")[21] (u għalhekk jiġġustifika li l-Qorti "kostituzzjonali" tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha straordinarji), imma kien hemm każijiet oħrajn ukoll fejn tali rimedju ma tqiesx bħala wieħed effettiv[22];

"Illi fil-każ li għandna quddiemna, l-ilment tar-rikorrenti huwa wieħed ta' allegat ksur "kostituzzjonali", madankollu immirat biex jattakka **t-tħaddim ta' skema** li biha r-rikorrenti jgħidu li sejrin u qegħdin iġarrbu ħsara. L-azzjoni mhix qegħda titlob it-tħassir ta' xi liġi jew ta' xi provvediment b'saħħa ta' liġi. Kemm hu hekk, huma jilmintaw minn sitwazzjoni li nħolqot minn deċiżjoni jew għamil amministrattiv meħud minn awtorita` pubblika, u qegħdin jindikaw li jridu li tittieħed deċiżjoni li terġa' tibdel l-iskema mfassal fl-2003. Fil-fehma tal-Qorti, il-parametri ta' kwestjoni bħal din jaqgħu sewwasew taħt ir-rimedju li jista' jingħata b'azzjoni mistħoqqa ta' stħarriġ ġudizzjarju;

---

[21] Ara, per eżempju, Kost. **2.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs Kummissarju tal-Pulizija***

[22] Ara, per eżempju, Kost. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Daidv Axiaq vs Awtorita' tat-Trasport Pubbliku***

"Illi meta l-Qorti tiġi biex tapplika l-prinċipji hawn fuq imfissra għall-każ li għandha quddiemha ssib li allura hemm raġunijiet tajbin biżżejjed biex tagħżel li ma twettaqx is-setgħat speċjali tagħha fil-kompetenza kostituzzjonali jew konvenzjonali tagħha u dan fid-dawl tal-fatt li r-rikorrenti naqsu li jieħdu r-rimedji l-oħra li kellhom disponibbli għalihom qabel irrikorrew għall-azzjoni kostituzzjonali;

"Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**"Tilqa' l-eċċezzjoni proċedurali** tal-intimati u tiddikjara li r-rikorrenti naqsu li jieħdu rimedji ġudizzjarji oħrajn xierqa biex jistħarrġu l-ilmenti tagħhom u jħarsu jeddijiethom, u għalhekk tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha kostituzzjonali jew konvenzjonali, u teħles lill-intimati milli jibqgħu fil-kawża, bl-**ispejjeż jibqgħu bla taxxa** bejn il-partijiet."

**<u>L-appell tar-rikorrenti</u>**

**6.** Ir-rikorrenti appellaw minn din id-decizjoni. L-aggravji taghhom huma bazikament tlieta. L-ewwel aggravju hu fis-sens li l-ewwel Qorti malament interpretat li huma kienu qed jattakkaw "it-thaddim ta' skema" – huma jghidu li qed jattakkaw ligi partikolari u senjatament l-Avviz Legali 70/2003. Fi kliem ir-rikors ta' appell: *"Jidher car…li ghalkemm il-Qorti b'mod korrett ghamlet distinzjoni bejn att amministrattiv maghmul minn thaddim ta' skema fuq naha wahda u t-thassir ta' xi ligi jew ta' xi provvediment b'sahha ta' ligi fuq in-naha l-ohra, zbaljat meta kkonkludiet li qui si tratta ta' azzjoni immirata biex tattakka t-thaddim ta' skema…"*. It-tieni aggravju hu li anke li kieku huma kienu qed jattakkaw decizjoni ta' kumitat amministrattiv, l-Artkolu 649A ma japplikax ghax dak li qed jilmentaw minnu fi kwalunkwe kaz ma jaqa' taht ebda wiehed mill-paragrafi jew sub-paragrafi tas-subartikolu (1) ta' l-imsemmi Artikolu 469A. It-tielet aggravju – ghall-anqas kif fehmitu din il-Qorti – hu li fi kwalunkwe kaz l-ewwel Qorti kellha tezercita d-diskrezzjoni taghha <u>favur</u> li tipprocedi bis-smigh tal-kawza u mhux li tiddeklina u dan ghar-raguni li *"…huwa meqjus li r-rimedji li jistghu jinghataw taht l-*

*artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta huma x'aktarx limitati."*

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**7.** Din il-Qorti tara li dan hu kaz fejn l-appellanti, wara li kellhom decizjoni avversa, qed jipprovaw, kif jinghad bl-ingliz, *to move the goal posts*, u cioe` jippruvaw jispustaw il-kwistjoni minn kif originarjament migjuba fir-rikors promotorju. F'ebda hin quddiem l-ewwel Qorti r-rikorrenti ma talbu xi korrezzjoni fir-rikors promotorju biex, forsi, jispjegaw dak li issa qed jghidu li kien "evidenti" fil-mod kif impustaw il-kawza. Kif tajjeb osservaw l-intimati appellati fir-risposti separati taghhom[23], b'ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni ma jista' wiehed jghid li l-appellanti, bir-rikors taghhom, kienu qed jattakkaw il-validita`, mil-lat "Konvenzjonali" – ta' xi ligi. Mhux biss l-Avviz Legali li issa qed isemmu – l-A.L. 70/2003 – ma jissemma' imkien fir-rikors taghhom, izda mill-premessi fl-istess rikors hu evidenti li huma kienu qed ipoggu quddiem l-ewwel Qorti ghall-konsiderazzjoni taghha deczjoni ta' natura amministrattiva, anke jekk forsi maghmula bis-sahha ta' xi ligi partikolari (li baqghet innominata). In fatti il-paragrafu cavetta jidher li hu dak li, wara li jsemmi kif fi snin precedenti is-"sotto Kumitat" kien talab lill-Gvern sabiex titqassam "gratuity" b'certu mod, jghid proprju *"Illi fis-sena 2003 il-Gvern iddecieda li jqassam gratuity ta' Lm500 kull sena b'lura limitatament ghall-beneficcju…"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Imkien fir-rikors ma hemm xi rabta ghal jew ma' xi disposizzjoni partikolari ta' ligi, u, kif diga` gie osservat, it-talba hija wahda vaga – *"…jitolbu rimedju in vista ta' din id-diskriminazzjoni u c-cahda tat-tgawdija tal-possedimenti taghhom…"*. Id-deposizzjoni ta' Angelo Mallia (fol 42 sa 45) b'ebda mod ma tista' tbiddel dak li effettivament qed jigi allegat u mitlub fir-rikors promotorju. Sinjifikanti wkoll, in vista ta' dak li issa qed jigi allegat fir-rikors ta' appell, huwa l-fatt li fl-udjenza tas-7 ta' Frar 2007, giet esebita mir-rikorrenti kopja ta' Avviz Legali tal-4 ta' April 1973 li gie sostitwit (mhux "supplementat", kif qalet l-ewwel Qorti) bl-A.L. 90 tal-1993. Kien semmai dan

[23] Dik ta' l-Awtorita` Marittima ta' Malta gie presentata fl-1 ta' Gunju 2007, mentri dik tal-Prim Ministru u tal-Ministru ghall-Kompetittivita` u l-Komunikazzjoni giet presentata fil-5 ta' Gunju 2007.

l-Avviz Legali tal-1993, kif sussegwentement emendat, jew xi disposizzjoni tieghu, li setghet talvolta kienet tivvjola d-drittijiet fondamentali reklamati mir-rikorrenti. Ta' dan, izda, ma hemm ebda accenn fir-rikors promotorju. L-ewwel Qorti, ghalhekk, kienet altru milli korretta meta kkunsidrat illi hawn si tratta mhux ta' impunjazzjoni ta' xi disposizzjoni ta' ligi izda li dak li qed jilmentaw minnu r-rikorrenti hija decizjoni amministrattiva tal-Gvern li "iddecieda li jqassam gratuity". Ghalhekk dana l-ewwel aggravju qed jigi respint.

**8.** Anqas ma hu fondat it-tieni aggravju ta' l-appellanti. "Decizjoni" dwar tqassim ta' "gratuity" taqa' fid-definizzjoni ta' "ghemil amministrattiv" kif imfisser fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 469A imsemmi. Jekk tali decizjoni tmur kontra dak stabbilit fis-disposizzjonijiet sostantivi tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporati fil-Kap. 319, tali decizjoni tkun "kontra l-ligi" fis-sens tas-sub-paragrafu (iv) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 469A, kif tajjeb osservat l-Awtorita` appellata fir-risposta taghha.

**9.** Finalment, kwantu ghat-tielet aggravju, din il-Qorti tosserva li ghalkemm huwa minnu li r-rimedji taht l-Artkolu 469A huma limitati – salv dak li jipprovdi s-subartikolu (5) ta' l-Artikolu 469A, ir-rimedju normali huwa dak ta' dikjarazzjoni ta' invalidita` jew nullita` ta' l-ghemil amministrattiv – dan ma jfissirx li dawn ma jistghu qatt ikunu adegwati fis-sens ta' rimedji prattici, effettivi u effikaci ghal ksur bhal dak allegat mir-rikorrenti. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax li l-ewwel Qorti kienet kawta hafna meta giet biex tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha u rrikonoxxiet ukoll il-limitazzjonijiet inerenti fl-imsemmi Artkolu 469A. Pero`, kif gustament osservat minn dik il-Qorti fis-sentenza taghha, ir-rikorrenti ma talbux it-thassir ta' xi disposizzjoni ta' ligi bhala leziva tad-drittijiet taghhom – huma ffukaw esklussivament fuq id-"decizjoni" tal-Gvern li "jqassam gratuity" b'certu mod – u ghalhekk ma kien hemm xejn x'josta li decizjoni taht l-Artkolu 469A setghet kienet rimedju xieraq ghall-ksur allegat.

**10.** L-appell tar-rikorrenti sejjer ghalhekk jigi respint. Hu appena neccessarju jinghad li jibqghu impregudikati d-drittijiet kollha talvolta spettanti lir-rikorrenti ghal rimedju taht il-Kap. 319 fuq kawzali differenti minn dawk kif migjuba fir-rikors promotorju.

**Decide**

**11.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' l-ewwel istanza jibqghu kif hemm deciz; dawk ta' din l-istanza jithallsu mir-rikorrenti appellanti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------